MISTOQSIJA U TWEĠIBA DWAR ID-DIVORZJU

# GĦALIEX LE?

## 12-IL ARGUMENT LI JURU LI D-DIVORZJU MHUX ISOLVI L-PROBLEMI IMMA JOĦLOQHOM



## 01

**Bid-divorzju ħafna nisa li qed ibatu jkunu jistgħu jiżżewġu u jirranġaw is-sitwazzjoni tagħhom. Mara msawta għax m'għandhiex ikollha ċans ieħor billi tiddivorzja u tiżżewweġ lil ħaddieħor?**

Jekk jidħol id-divorzju, mhux biss il-mara msawta se tkun tista' terġa' tiżżewweġ, imma anki r-raġel li jkun sawwatha! Barra dan, jekk jidħol id-divorzju se jkun jista' jerġa' jiżżewweġ anki min b'kapriċċ jaqbad u jitlaq lill-mara jew lir-raġel. Id-divorzju ma jsewwi xejn.

## 02

**Id-divorzju huwa dritt. Għaliex m'għandix dritt niddeċiedi x'nagħmel b'ħajti? F'każ li ż-żwieġ ma jirnexxix, għax ma nistax nidħol f'ieħor?**

Huwa dritt ta' kull persuna li tiżżewweġ u jkollha familja. Imma li wieħed jabbanduna ż-żwieġ u l-familja biex jidħol fi żwieġ ieħor *mhuwiex dritt*. Dan ġie stabbilit fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Johnston kontra l-Irlanda fl-1986 meta kien għad m'hemmx divorzju.

## 03

**Min hu Kattoliku, ma jfittixx id-divorzju. Imma jekk jien ma nemminx, għax għandi niġi mċaħħad minnu? Għaliex il-Kattoliċi jridu jimponu r-reliġjon tagħhom fuq min ma jemminx?**



Jekk jidħol id-divorzju jidħol għal kulħadd, anki għal dawk li jkunu żżewġu bil-Knisja. Il-Kattoliku li jivvota kontra d-divorzju ma jkunx qed jimponi r-reliġjon tiegħu fuq l-oħrajn. Il-Kattoliku, bħal kull ċittadin ieħor, bil-vot tiegħu huwa msejjaħ biex jgħid fl-opinjoni tiegħu x'forma ta' żwieġ u familja hija ta' ġid għas-soċjetà – temmen jew ma temminx. Il-Kattoliku jixtieq li kulħadd jifhem il-ħsara li jġib id-divorzju għall-familji kollha u għall-pajjiż kollu.

## 04

**Is-saċerdoti wkoll suppost taw kelma li jagħtu ħajjithom lil Ġesù ... imma mbagħad ma issib min ma jibqax qassis u jiżżewweġ. Dawn mhumiex marbutin bħall-miżżewġin?**

Għandek biċċa raġun. Meta wieħed isir saċerdot, isir saċerdot għal dejjem. Li s-saċerdot ma jistax jiżżewweġ hija liġi tal-Knisja. Meta u jekk tara l-bżonn, il-Knisja tista' tibdel din ir-regola. Imma li ż-żwieġ ma għandux jinħall qalu Ġesù nnifsu, u l-Knisja m'għandha l-ebda awtorità li tibdilha. Għalhekk il-Knisja tista' tagħti permess biex saċerdot li jkollu raġuni serja jkun jista' jiżżewweġ. Lil dawn, għalkemm jibqgħu saċerdoti, il-Knisja tgħidilhom biex ma jibqgħux jaqdu l-ministeru ta' saċerdot.

## 05

**Hawn ħafna li qed jgħixu mal-*partner* tagħhom. Mhux aħjar dawn ikollhom id-divorzju u jkollhom ċans jiżżewġu u joħolqu familja ġdida u stabbli?**

Il-verità hi li kull fejn daħal id-divorzju, in-nies li jikkoabitaw (jgħixu mal-*partner* bla ma jiżżewġu) *żdiedu mhux naqsu*, avolja setgħu jiżżewġu. Dan għaliex bid-divorzju, iż-żwieġ ma jibqax rabta għal dejjem, u allura ħafna nies jibdew jiddeċiedu li ma jiżżewġux, u ma jintrabtux.

## 06

**Għandi mmur nivvota fir-referendum li se jsir dwar id-divorzju?**

Minħabba s-serjetà tad-divorzju u l-effetti li se jkollu fuq il-familji u t-tfal tagħna, importanti li kulħadd jivvota. Jekk ma tivvutax ikun ifisser li inti ma jimpurtakx mill-familja tiegħek u tal-oħrajn, kif ukoll mill-ulied. Jekk inti taf u taqbel li Ġesù ma jridx id-divorzju, u li d-divorzju jagħmel ħafna ħsara lis-soċjetà u lill-familja Maltija, allura għandek tivvota u turi li anqas int ma taqbel mad-divorzju.

## 07

**Kemm dawk ta' favur kif ukoll ta' kontra d-divorzju jikkwotaw il-figuri u l-istatistika li jaqblilhom. Liema se nemmen?**

Ejja nħarsu lejn in-numri importanti u veri. In-numri fil-pajjiżi kollha fejn hemm id-divorzju juru li wara li daħal id-divorzju:

- naqsu ż-żwiġijiet u żdiedu n-nies li bdew jgħixu flimkien mingħajr ir-rabta taż-żwieġ;
- it-tieni u t-tielet żwieġ ifallu aktar milli jfalli l-ewwel żwieġ;
- ħafna minn dawk li huma fil-livell ta' faqar huma persuni li ddivorzjaw – u dan jgħodd l-aktar għan-nisa li ddivorzjaw u għal uliedhom.

Dawn il-fatti u figuri jaqbel magħhom kulħadd.

## 08

**Fid-dinja kollha, Malta u l-Filippini biss baqgħu bla divorzju. Għaliex għandna nibqgħu l-eċċezzjoni fid-dinja? Aħna u l-Filippini biss bravi? Barra dan, aħna dħalna fl-Ewropa biex inkunu bħall-Ewropej. Għaliex f'din il-ħaġa, le?**

Li rridu naraw huwa x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. F'dak li hu tajjeb, m'għandniex niddejqu nkunu "waħedna". F'Malta l-aktar li jmorru nies għall-quddies tal-Ħadd – allura dan nibdluh? F'Malta m'għandniex il-piena kapitali – allura għandna ndaħħluha, kif hemm fl-Amerka? Mhux aħjar nitgħallmu mill-iżbalji ta' ħaddieħor? Jekk hemm pajjiżi li qed jippruvaw isewwu l-ħsarat li għamel id-divorzju, m'għandniex nitgħallmu minnhom? Hemm għalfejn niżbaljaw aħna stess biex imbagħad nitgħallmu?

## 09

**Il-Knisja dejjem issemmi l-"ġid komuni" bħala argument kontra d-divorzju. Allura l-ġid ta' min jixtieq isir kuntenta mill-ġdid billi jiżżewweġ mhux importanti?**

Il-liġijiet ta' kull pajjiż meta jkunu tajbin u ġusti, għandhom l-iskop li jkattru l-ġid taċ-ċittadini kollha. Imma biex isir il-ġid lis-soċjetà jista' jkun hemm xi ħadd li jbati. Pereżempju jista' jkun hawn persuna li jkollha biċċa art u għall-ġid tal-pajjiż ikun hemm bżonn jitkabbar l-ajruport li jgħaddi minn fuq din il-biċċa art. X'jiġri? Ngħidu li biex dan l-individwu ma jbatix, ma jsirx l-ajruport? Is-soltu, għall-ġid komuni tittieħed l-art waqt li jsir kull sforz biex titnaqqas it-tbatija tal-individwu.

Waqt li d-divorzju jista' jidher li qed isolvi l-problemi ta' min jixtieq jerġa' jiżżewweġ, fil-fatt ikun qed jagħmel ħsara lil ħafna nies oħra. *Riċerki juru li bil-liġi tad-divorzju t-tkissir taż-żwieg żdied b'20 fil-mija.*

## 10

**Għandi ħbieb li qed jgħixu flimkien. Qed jistennew li jidħol id-divorzju ħalli jkunu jistgħu jiżżewġu, u jerġgħu jibdew iqerru u jitqarbnu.**

Żgur li qed jifhmu ħażin. Jekk tidħol il-liġi tad-divorzju, dawk li jiddivorzjaw ikunu jistgħu jerġgħu jiżżewġu biss biż-żwieġ ċivili imma mhux fil-Knisja. Ma jistgħux jiżżewġu bi żwieġ sagrament u allura xorta ma jistgħux iqerru u jitqarbnu. Dan għaliex l-ewwel żwieġ tagħhom ikun għadu jgħodd quddiem Alla u quddiem il-Knisja. Id-divorzju ma jħassarx żwieġ li sar sewwa bejn żewġ Kattoliċi.

## 11

**Il-Knisja dejjem kontra! Kontra l-abort, kontra l-*condoms*, kontra s-sess qabel iż-żwieġ, u kontra d-divorzju!**

Dawn kollha huma azzjonijiet negattivi. Għalhekk il-Knisja hija kontra tagħhom. Imma l-Knisja hija favur azzjonijiet pożittivi: favur il-ħajja, favur l-imħabba, favur il-fedeltà, favur iż-żwieġ. Il-Knisja taħdem favur dawn. Filwaqt li l-Knisja xxandar il-pożittiv, ma tistax ma turiniex il-konsegwenzi negattivi ta' ċerti azzjonijiet. Hekk ukoll isir fl-edukazzjoni kontra t-tipjip: jgħidulna li t-tipjip *joqtol*. L-istess fl-edukazzjoni favur l-ambjent: juruna l-*qerda* li qed iwettaq il-bniedem.

## 12

**Mhux veru li d-divorzju se jġib iktar tkissir fil-familji għaliex is-separazzjonijiet diġà qed iġibu l-istess riżultat.**

Dawk li huma favur id-divorzju jsemmu żewġ argumenti. L-ewwel li bis-saħħa tad-divorzju se tonqos il-koabitazzjoni (li koppja jgħixu flimkien mingħajr ma tiżżewweġ); it-tieni li se jonqsu t-tfal li jitwieldu barra miż-żwieġ. Imma fil-fatt dan ma seħħx fl-ebda pajjiż fid-dinja fejn daħal id-divorzju. Kull fejn daħal id-divorzju, *naqsu ż-żwiġijiet* (meta suppost żdiedu) u *żdiedet il-koabitazzjoni* (meta suppost naqset) u naturalment *żdiedu l-ulied barra ż-żwieġ*. Id-divorzju kullimkien kabbar il-problemi – u mhux solvihom.

